MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 163/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alex Vella Gera**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alex Vella Gera talli fil-21 ta' Ottubru 2009, u f'jiem qabel, f'dawn il-Gzejjer:

(1) ghal qligh, jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta, akkwista, zamm, iccirkola, jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm

jekk le u dan bi ksur ta’ l-artikolu 208(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) innegozja f’xi oggett, ukoll jekk in-negozju jsir bil-mohbi, jew qassam xi oggett bhala dak jew wera xi oggett bhal dak fil-pubbliku jew f’post accessibbli ghall-pubbliku u dan bi ksur ta’ l-artikolu 208(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(3) b’xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta, direttament jew indirettament, jew bl-uzu ta’ kliem ekwivoku, offenda l-moralita` pubblika jew il-pudur, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta. ;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-14 ta’ Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat lill-imsemmi Alex Vella Gregory mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom illiberatu;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fid-29 ta’ Marzu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-istess Alex Vella Gregory hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena kontra tieghu skond il-ligi.;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant Avukat Generali huma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u rragjonevoli tal-provi kif ukoll li dik il-Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha b’rizultat ta’ interpretazzjoni, applikazzjoni u enuncjazzjoni zbaljata ta’ l-ipotezi tal-ligi. Skond l-appellant, il-kitba in kwistjoni kellha bhala kartteristika principali taghha kemm l-isfruttament ta’ kif ukoll enfasi mhux xierqa fuq is-sess b’elementi ta’ krudelta` u

vjolenza. Inoltre l-kitba kemm direttament kif ukoll indirettament taghmel kemm reklam kif ukoll taghti taghrif esplicitu permezz ta’ espressjonijiet u siltiet li huma pornografici jew oxxeni. Inoltre, jghid l-appellant, minn qari u analizi ta’ l-istess kitba, ma jistax jinghad li (meta l-gudikant janalizzaha skond il-kriterji stabbiliti mill-gurisprudenza, kemm kwantu ghall-kontenut taghha kif ukoll kwantu ghac-cirkostanzi kollha li fihom giet pubblikata u cirkolata, nonche` fir-rigward ta’ l-udjenza li kienet intiza li tilhaq) din il-kitba (a) hija fl-interess tax-xjenza, tal-letteratura, ta’ l-arti jew tat-taghlim jew ta’ xi ghanijiet ohra ta’ interess generali, jew (b) hija ta’ gid pubbliku. Ghalhekk, isostni l-appellant, m’hemmx l-estremi mehtiega sabiex ma titqiesx bhala pornografika jew oxxena peress li tfalli milli tissodisfa dan it-test duplici, u ghalhekk ghandha tigi ritenuta bhala kitba li f’partijiet shah taghha hija pornografika u oxxena fit-totalita` taghha. Fi kwalunkwe kaz, josserva l-appellant, stante li dan it-test jorbot mad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 208 tal-Kodici Kriminali, xorta jibqa’ l-fatt li l-appellat gie mixli bir-reat kontemplat mill-artikolu 7 taht il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta in kwantu mehuda b’mod komplessiv u totali u unitarju din il-kitba toffendi l-moralita` pubblika u l-pudur. Ghalhekk anke jekk *gratia argomenti* u *dato non concesso* li b’xi mod seta’ legalment u ragjonevolment jigi mehlus mill-parametri ta’ l-artikolu 208, l-appellat ma setax jigi mehlus mill-parametri msemmija mill-artikoli 3 u 7 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**6.** Din il-Qorti hija msejha biex tiddeciedi jekk jirrizultawx b’xi mod l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat. Jinghad mill-ewwel li dan kollu jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament

approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[1] Dan japplika wkoll fil-kaz ta' appelli li jigu ntavolati mill-Avukat Generali.

**7.** F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

**8.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

**9.** Jibda biex jinghad li permezz ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet l-appellat ma giex akkuzat li qassam, ecc. materjal pornografiku jew oxxen lil minorenni izda li qassam tali materjal *sic et simpliciter*. Ghalhekk il-Qorti

trid thares lejn il-pubblikazzjoni in kwistjoni unikament biex tara jekk hijiex ta' natura pornografika jew oxxena u jekk taqax taht l-eccezzjonijjiet msemmija fl-Avviz Legali 80/1975. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xiehda moghtija quddiem l-ewwel Qorti, ir-rikros ta' appell, ir-risposta, in-noti ta' osservazzjonijiet u hadet konsiderazzjoni tas-sottomissjonijiet orali li saru quddiemha. Inkiteb hafna, intqal hafna, u evidentement inghataw interpretazzjonijiet differenti. Min jara l-kitba in kwistjoni bhala xoghol letterarju, min jaraha bhala "falliment letterarju", u min jaraha bhala *trash*. Il-kitba tikkonsisti f'rakkont fl-ewwel persuna minn ragel pervers li jirrakkonta l-avventuri sesswali tieghu. *Prima facie* din il-kitba fiha kontenut pornografiku u oxxen. L-ewwel Qorti, pero`, ghamlet l-analizi taghha u kkonkludiet hekk dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet:

**"L-analizi li trid taghmel il-Qorti sabiex jigu determinati dawn iz-zewg punti [jekk il-kitba hijiex pornografika jew oxxena] ma hijiex wahda facli stante li tesigi necessarjament analizi ta' kuncetti astratti. Qabel ma ssir tali analizi izda l-Qorti tixtieq tippuntwalizza li huwa pjuttost evidenti li l-kitba in dizamina hija novella jew storja qasira u mhux artikolu kif pruvat issostni l-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri. L-istess Prosekuzzjoni pruvat tghid li l-fatt li din il-kitba tinsab f'gazetta fejn hemm ukoll artikoli ohra dwar materji varji u l-fatt li l-kitba hija f'forma ta' monologu tista' taghti l-impressjoni li m'hijiex fittizja u li ghalhekk ma tistghax titqies bhala letteratura. Il-Qorti tirrileva li xoghlijiet letterarji ta' spiss jigi pubblikati u disseminati fil-gurnali u mhux biss f'forma ta' ktieb u fi kwalunkwe kaz fil-gurnal in dizamina hemm indikazzjoni cara li l-istorja tinsab pubblikata fil-pagna tal-arti u din hija fil-fehma tal-Qorti prova li tali kitba qed tigi pubblikata bhala xoghol letterarju u mhux bhala rakkont fattwali mill-awtur dwar fatti rejali jew idejat personali tieghu. Huwa pjuttost evidenti li l-forma ta' monologu utilizzata mil-awtur huwa stil letterarju definit u deskritt bhala 'in your face' liema stil lettererju jintuza fil-letteratura moderna sabiex jiskomoda u jiskossa lil**

**qarrej u jgieghlu jahseb aktar dwar certu rejaltajiet koroh tal-hajja u dwar rejaltajiet ohra ezistenti fis-socjeta' li qed nghixu fiha.**

**"Il-Qorti jidrilha li sabiex jigi determinat jekk materjal ghandux jitiqies bhala wiehed pornografiku wiehed irid jara jekk dan il-materjal ghandux bhala konsegwenza it-tqanqil ta' certu libidini u eccitament sesswali fil-qarrej. Dan l-element intenzjonali oggettiv, inerenti fil-kitba nnfisha, huwa essenzjali sabiex jiddistingwi bejn kitba fattwali, xjentifika u /jew letterarja minn dik purament pornografika. Il-magazine 'Playboy' per ezempju, li huwa ben tajjeb li jigi rilevat jinbiegh liberament mill-hwienet li jbieghu il-kotba u l-magazines hawn Malta, huwa intiz sabiex iqanqal certu ecitament jew libidini filwaqt li min-naha l-ohra ktieb li huwa intiz ghall-edukazzjoni sesswali li wkoll jista' jkollu certu definizzjonijiet u jew stampi li jispjegaw jew juru relazzjonijiet intimi m'huwiex intiz sabiex iqanqal impuls sesswali f'min jaqrah.**

**"X'jikkostitwixxi oxxenita` huwa ezercizzju aktar difficli sabiex isir u dan anki ghaliex id-definizzjoni moghtija fl-Artikolu 3 tar-Regolamenti hawn fuq imsemmija u cioe` l-isfruttament jew l-enfazi mhux xierqa fuq sess…jew delinkwenza, orrur, krudelta' u vjolenza' ma tantx hija ta' ghajnuna ghal dan il-ghan stante li jrid jigi determinat x'jikkostitwixxi sfruttament jew enfazi mhux xierqa. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghad-definizzjoni ta' 'obscene publications' moghtija fl-Oxford Dictionary of Law u cioe` 'materials that tend to deprave and corrupt'. Il-Qorti jidrilha li sabiex kitba tista' titqies bhala oxxena l-Prosekuzzjoni kellha tressaq il-prova li l-ktiba b'xi mod kienet intiza 'to deprave and corrupt'. Fil-kaz odjern jidher li l-iskop tal-awtur ma kienx li l-qarrej jemula jew b'xi mod jimita lil karattru orrend fl-istorja izda anzi li jenfasizza kemm l-atteggjament u l-komportament tal-imsemmi karattru huwa disgustanti u prorju sabiex igieghel lil qarrej jirrejalizza li jezistu dawn it-tip ta' karattri spjacevoli fis-socjeta' u jifhem li dawn m'ghandhomx jigu emulati. Fin-Nota ta'**

**Sottomissjonijiet taghha d-Difiza ghamlet referenza ghal dak li qal Lord Byrne fl-indirizz tieghu lil gurati fil-kaz fl-ismijiet 'Regina vs Penguin Books Limited (1960)' fejn gie rilevat dan li gej dwar it-tifsiriet appena citati "*I think that it would be quite fair to put it in this way, that 'to deprave' means to make morally bad, to pervert, to debase or corrupt morally. The words 'to corrupt' mean to render morally unsound or rotten, to destroy the moral purity or chastity of, to pervert or ruin a good quality, to debase, to defile* ". Fl-imsemmi indirizz Lord Byrne qal ukoll "*you will also bear in mind that it is not a question of taste. There is a considerable difference between that which shocks and disgusts and that which depraves and corrupts. Therefore the mere fact that you are shocked or disgusted, the mere fact that you hate the sight of the book when you have read it, does not solve the question as to whether you are satisfied beyond reasonable doubt that the tendency of the book is to deprave and corrupt*". Sabiex materjal jista' jitqies li huwa oxxen irid ghalhekk ikollu l-ghan ewlieni li jikkorrompi lil qarrej u xejn aktar. Id-Difiza tikkontendi li l-fatt li fl-Artikolu 3 tar-Regolamenti in dizamina l-ligi teskludi kitbiet li ghandhom skop letterarju huwa appuntu ghaliex il-legislatur irrikonoxxa li ghalkemm tali ktibiet jistghu f'sens wiesgha jitqiesu bhala oxxeni l-iskop ahhari taghhom m'huwiex li jikkorrompu izda inversament li jkunu espressjoni razzjonali ghall-gid komuni. Il-Qorti taqbel pjenament ma dan il-hsieb u taqbel ukoll li l-kitba in kwistjoni, u cioe` l-istorja 'Li Tkisser Sewwi' bl-ebda mod ma tista' tikkonfigura taht dawn id-definizzjonijiet jew tifsiriet ta' x'jikkostitwixxi pornografija jew publikazzjonijiet oxxeni ghaliex bl-ebda mod ma jista' jitqies li l-iskop jew l-ghan tal-kitba huwa li jqanqal eccitament sesswali jew li jikkorrompi qarrej ordinarju. Kif spjega l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata u meta xehed fil-proceduri odjerni l-moral tal-istorja huwa li jigbed l-attenzjoni tal-qarrej ghal tip ta' karattru jew stereotype ta' maskju ezistenti fis-socjeta` Maltija li minhabba nuqqas ta' edukazzjoni adegwata u minhabba cirkostanzi ohra socjali li seta' kien espost ghalihom iqis lil mara bhala oggett**

**sesswali u ntiza biss sabiex tigi uzata u xejn aktar. L-ghan tal-kitba huwa li tohloq disgust lejn dan il-karattru meskin u mhux li tqanqal eccitament sesswali jew ammirazzjoni ghal dan il-karattru. Il-fatt li l-istil maghzul mill-awtur sabiex ipingi din ir-rejalta` u sabiex iqanqal disgust u l-konsegwenti hsieb fil-qarrej m'huwiex estetikament sabih jew pjacevoli ma jfissirx li l-kitba in kwistjoni m'ghandhiex titqies bhala xoghol letterarju. Il-Qorti jidrilha li l-ghan tal-letteratura m'huwiex biss li titfa' dawl fuq dak li huwa sabih fl-umanita` izda huwa anki dak li tiddipingi u titkellem dwar l-elementi koroh u deplorevoli tal-istess socjeta`. Fil-kaz odjern huwa evidenti li l-ghan tal-awtur kien mhux li jincita libidini jew li b'xi mod jiddiskrimina jew ikun dispregjattiv lejn in-nisa kif qed issostni l-Prosekuzzjoni izda li jwassal moral importanti permezz tal-krejazzjoni tal-karattru pervers li gie krejat fl-istorja in dizamina. Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-kitba hija xjokkanti u tqanqal disgust fil-qarrej ma tikkwalifikahiex bhala wahda oxxena jew pornografika.**

**10.** Din il-Qorti taqbel li l-kitba hija "xokkanti u tqanqal disgust fil-qarrej". Iggieghlek thoss rivulzjoni fir-rigward tal-perverzjoni tan-narratur. Certament mhijiex kitba adattata ghal kulhadd. Difatti l-Prof. Juanito Camilleri, ir-Rettur ta' l-Universita`, esprima t-thassib tieghu li l-edizzjoni tal-gazzetta fejn kien hemm din il-kitba kienet qed titqassam fil-Junior College fejn ikun hemm zghazagh ta' hmistax u sittax-il sena. Din il-Qorti ezaminat il-provi u, salv ghal dak li xehed il-principal Joseph Sciriha li qal li hu personalment ra l-gazzetta f'idejn xi studenti, m'hemm l-ebda prova li din il-gazzetta tqassmet mill-appellat jew li kien b'xi mod responsabbli ghat-tqassim taghha fil-Junior College. Jigifieri ma ngabet l-ebda prova konkreta dwar kif dawn il-kopji waslu l-Junior College. Din il-Qorti kellha l-okkazjoni tezamina mhux biss l-edizzjoni in kwistjoni izda anke l-edizzjonijiet l-ohra li gew esebiti. Huwa evidenti li r-Realta` tikkontjeni diversi artikoli u kontribuzzjonijiet ta' natura satirika u ta' interess generali, inkluza pagna letterarja. In-natura tal-kitba in kwistjoni, pero`, hija differenti mill-kontribuzzjonijiet l-ohra u ma kienx mistenni

li ssib postha hemm. Ciononostante, din il-Qorti hi tal-fehma li fid-dawl tal-motivazzjoni li tat l-ewwel Qorti, dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet. Kellha kull dritt tasal ghal tali konkluzjoni ghax, bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alexander Baldacchino** moghtija fil-21 ta' Frar 2011: **"M'hemm ebda regolament fil-ligi li jeskludi l-analiżi soggettiva [mill-Qorti] ta' jekk ħaga hix pornografika jew le."**

**11.** Permezz tat-tielet imputazzjoni l-appellat gie akkuzat li bl-imsemmija kitba offenda l-moralita` pubblika jew il-pudur. Hawn ukoll l-ewwel Qorti ma sabitx htija. Hija qalet:

**"F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova dwar x'inhi l-moralita` pubblika fis-socjeta` Maltija llum il-gurnata u b'liema mod din giet offiza. Kif ghadu kemm intqal fil-paragrafu precedenti ma ngabet l-ebda prova ta' min effettivament ressaq il-lanjanzi u ghaliex hassu offiz bil-kitba in dizamina. Il-Qorti jidrilha li l-moralita` pubblika hija xi haga li tinbidel biz-zmien u dak li kien joffendi l-morali pubblika ghoxrin jew tletin sena ilu mhux necessarjament joffendi l-morali pubblika llum u dan minhabba rejaltajiet tal-hajja differenti principalment ir-rejaltajiet li ghalihom giet esposta s-socjeta` Maltija permezz tal-mezzi vasti ta' komunikazzjoni moderni. Il-Qorti jidhrilha li meta wiehed iqis il-pubbliku limitat li ghalih kien intiz il-gurnal ir-Rejalta`, u cioe` l-istudenti tal-Universita` u studenti tal-Junior College, li wkoll huma studenti maturi, u meta wiehed iqis l-access liberu li l-imsemmija studenti ghandhom ghal kull xorta ta' nformazzjoni u idejat permezz ta kotba, gurnali, internet, eccetera, u a skans ta' provi konkreti ta' kif u b'liema mod giet offiza l-moralita` taghhom, wiehed ma jistax iqis li jissussisti r-reat in dizamina."**

**12.** Din il-Qorti diga` qalet li l-kitba in kwistjoni mhijiex adattata ghal kulhadd. Hemm bzonn ta' certa maturita` biex tkun espost ghaliha. L-ewwel Qorti, pero`, kellha ragun tghid illi ma tressaq hadd biex jghid ghaliex hassu

offiz bil-kitba in kwistjoni. Difatti l-Prof. Camilleri stqarr meta xehed illi hu ma kellu ebda dritt jimponi l-moralita` tieghu fuq hadd, li l-awtur kellu kull dritt jikteb dak li kiteb u l-oggezzjoni tieghu kienet biss li dik il-kitba taqa' f'idejn minuri; huwa mexa fuq parir li nghata li jista' jkun hemm xi haga kontra l-ligi fil-kitba.

**13.** L-Avukat Generali fin-nota tieghu ta' l-4 ta' Ottubru 2011 irrefera ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-24 ta' Mejju 1988 fl-ismijiet **Muller and Others v. Switzerland**[2] li kienet tittratta esibizzjoni ta' pitturi b'kontenut sesswali esplicitu li ttellghet fil-belt ta' Zurich fl-1981 fejn gie deciz li d-decizjoni tal-Qrati Svizzeri li ssib li dawn il-pitturi kienu moralment offensivi ma kienx bi ksur ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Iktar recenti, pero`, l-istess Qorti fil-kaz **Vereinigung Bilender Kunstler v. Austria** deciz fil-25 ta' Jannar 2007[3], qalet li r-restrizzjoni li tintwera pittura bl-isem Apocalypse (li kienet tirraffigura diversi persunaggi politici u persuni religjuzi gharwenin f'pozizzjonijiet sesswali) kienet tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-artikolu 10. U f'**Akdas v. Turkey** deciz fis-16 ta' Frar 2010, l-istess Qorti sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni meta Akdas ippubblika traduzzjoni tan-novella ta' Guillaume Apollinaire 'Les onze mille verges'[4].

**14.** F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, din il-Qorti tqis li l-gudizzju ta' l-ewwel Qorti kien wiehed legali u ragjonevoli.

**15.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

---

2 *Muller et v. Switzerland*, no. 10737/84, 24 ta' Mejju 1988.
3 *Kunstler v. Austria,* no. 68354/01, 25 ta' Jannar 2007.
4 *Akdaş v. Turkey*, no. 41056/04, 16 ta' Frar 2010.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------